MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 565/2005

**Guzeppi Cini**

**vs**

**George u Pauline konjugi Cini**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0), ammont rapprezentanti somma ta' flus mislufa mill-attur lill-konvenut George Cini nhar it-28 ta' Settembru tas-sena 1983 skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A, u dan flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi bil-wiehed fil-mija (1%), li l-konvenut naqas li jhallas lill-attur ghas-snin 2003, 2004 u 2005 ammontanti ghal disghin Lira Maltin, (LM90.00,0),**

**b'kollox ghalhekk tlett elef u disghin Lira Maltin, (LM3,090.00,0);**

**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Settembru tas-sena 2005 u tal-ittra ufficcjali datata is-17 ta' ottubru tas-sena 2005 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-21 ta' Marzu tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------